MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' April, 2021

## Rikors Kostituzzjonali Numru 218/2020 LM

*Il-Qorti tgħid li mhux raġonevoli u ċertament ma jistax jingħad li kien il-għan tal-leġiżlatur, li persuna milquta minn ordni ta' sekwestru ai termini tal-art. 4 tal-Kap. 373, kemm jekk tkun persuna fiżika kemm jekk tkun soċjetà jew entità oħra stabbilita skont il-liġi, għandha tieqaf għal perijodu saħansitra ta' sena jew sal-ġurnata meta titressaq fuq att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, qabel ma tkompli bl-attivitajiet kummerċjali tagħha jew attivitajiet oħra skont il-liġi –fil-qafas ta' dak li jipprovdi għalih l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li jirrikjedi bilanċ bejn l-interess ġenerali li l-Istat għandu d-dover li jħares u d-drittijiet fundamentali tal-individwu, il-Qorti ssib li l-art. 4 tal-Kap. 373 ma jilħaqx dan il-bilanċ u bl-ebda mod ma jista' jingħad li hemm proprozjonalità bejn il-miżura li jipprovdi għaliha dan l-art. 4, u d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà –fil-provvediment tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha fuq almenu rimedju wieħed, tal-ħatra ta' amministratur provviżorju li għandu jservi bħala kontrobilanċ sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jevitaw 'id-daqqa tal-mewt' tagħhom. Iżda ma kellhomx ikunu l-qrati kostituzzjonali li jagħtu rimedju u l-Qorti tissenjala li r-rikorrenti għandhom ikollhom id-dritt skont il-liġi li jirrikorru lejn il-Qorti Kriminali li ħarġet l-ordni, fejn filwaqt li jitolbu għat-tħassir tagħha jew sabiex jinbiddlu xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqhom permezz ta' dik l-ordni, huma jkollhom l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom ukoll. Ikun fid-diskrezzjoni mbagħad tal-Qorti Kriminali li tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħhom –is-sejbien tal-ksur tad-dritt fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kif miġjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, konsegwenza tan-nuqqas ta' rimedju li joffri l-art. 4 tal-Kap. 373, mhux neċessarjament għandu jwassal għat-tħassir jew għat-tibdil tal-ordni maħruġa taħtu, u dan sakemm ir-rikorrent ma jressaqx il-provi opportuni in sostenn tat-talba tiegħu –din il-Qorti akkordat miżura provviżorja, kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, permezz tal-ħatra ta' amministrattur, li għandha tkun miżura suffiċjenti sabiex jintlaħaq il-bilanċ rikjest mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll –l-ordni ta' sekwestru ġabet numru ta' konsegwenzi negattivi għar-rikorrenti u kienu x'kienu dawk il-konsegwenzi, huma ma kellhom l-ebda għodda sabiex jikkontestawha. Għal din ir-raġuni l-Qorti tqis li t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali magħmula mir-rikorrenti, hija ġustifikata*

1. **Keith Schembri (K.I. numru 331975M)**
2. **Josette Schembri Vella (K.I. numru 0177876M)**
3. **Alfio Schembri (K.I. numru 596048M)**
4. **Josephine Schembri (K.I. numru 436452M)**
5. **Navis Logistics Limited (C 94559)**
6. **Kasco Limited (C 25890)**
7. **Kasco Recycling (C 42762)**
8. **Its Good Limited (C 44687)**
9. **FSV Limited (C 37531)**
10. **Tekhne Industrial Limited (C 58648)**
11. **Kasco Engineering Company (C 34257)**
12. **Berner Malta Limited (C 60364)**
13. **3City Designs Limited (C 44007)**
14. **Kasco Holdings Limited (C 17886)**
15. **Malcolm Scerri (K.I. numru 425165M)**
16. **Silvestra Silvia Scerri (K.I. numru 262264M)**
17. **Daniel Scerri (K.I. numru 171694M)**
18. **Karyn Scerri (K.I. numru 90597M)**
19. **ThoughtZone Limited (C 63174)**
20. **Acumen Projects Limited (C 64987)**
21. **Simon Poulton (K.I. numru 37172M)**
22. **Sarah Poulton (K.I. numru 32171M)**
23. **Sean Poulton (K.I. numru 320896M)**

***vs*.**

1. **L-Avukat tal-Istat**
2. **L-Avukat Ġenerali**
3. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2020, mir-rikorrenti **Keith Schembri (K.I. numru 331975M), Josette Schembri Vella (K.I. numru 0177876M), Alfio Schembri (K.I. numru 596048M), Josephine Schembri**

**(K.I. numru 436452M), Navis Logistics Limited (C 94559), Kasco Limited (C 25890), Kasco Recycling (C 42762), Its Good Limited (C 44687), FSV Limited (C 37531), Tekhne Industrial Limited (C 58648), Kasco Engineering Company (C 34257), Berner Malta Limited (C 60364), 3City Designs Limited (C 44007), Kasco Holdings Limited (C 17886), Malcolm Scerri (K.I. numru 425165M), Silvestra Silvia Scerri (K.I. numru 262264M), Daniel Scerri (K.I. numru 171694M), Karyn Scerri (K.I. numru 90597M), ThoughtZone Limited (C 63174), Acumen Projects Limited (C 64987), Simon Poulton (K.I. numru 37172M), Sarah Poulton (K.I. numru 32171M) u Sean Poulton (K.I. numru 320896M)** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"] kontra l-intimati **l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem "l-intimat l-Avukat tal-Istat"], **l-Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem "l-intimat l-Avukat Ġenerali] u **l-Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem "l-intimat il-Kummissarju"] li jgħid kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi nhar il-21 ta' Settembru, 2020, l-intimati jew min minnhom, talbu li jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti Kriminali b'urġenza fejn talbu lil dik l-istess Qorti tawtorizza il-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u sekwestru kontra diversi persuni fosthom ir-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Settembru, 2020 u t-22 ta' Settembru, 2020, għal ħabta tal-00:15am, il-Pulizija marret fid-dar residenzjali tar-rikorrenti Keith Schembri, għamlet tfittxija u elevat numru ta' oġġetti mobbli u ħaditu taħt arrest fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija;*

3. *Illi r-rikorrenti Keith Schembri ġie rilaxxat mill-arrest fit-22 ta' Settembru, 2020 filgħaxija;*

4. *Illi l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru ipparalizza kompletament l-operat kollu tas-soċjetajiet esponenti, li bejniethom jimpjegaw 'il fuq minn 80 persuna;*

5. *Illi għal dan il-għan fl-24 ta' Settembru, 2020, wħud mis-soċjetajiet esponenti ippreżentaw rikors fil-Qorti Kriminali fejn talbu lil dik il-Qorti jogħġobha taħtar amministratur jew amministraturi sabiex taħt l-awtorità tagħha joperaw l-operat tal-kumpanniji milquta taħt is-sorveljanza tal-Qorti;*

6. *Illi fil-25 ta' Settembru, 2020, u wara li l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għat-talba tas-soċjetajiet esponenti, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba sabiex jiġi appuntat amministratur kif mitlub;*

7. *Illi fis-26 ta' Settembru, 2020, wħud mis-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw rikors fejn talbu l-ftuħ tar-Reġistru tal-Qorti Kriminali bl-urġenza sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu lil Qorti Kriminali tawtorizza l-ħlas tal-pagi tal-impjegati tal-istess kumpanniji;*

8. *Illi dakinhar stess il-Qorti Kriminali talbet lis-soċjetajiet esponenti jindika il-bażi legali tat-talba tagħhom;*

9. *Illi l-għada s-27 ta' Settembru, 2020, l-impjegati tas-soċjetajiet rikorrenti li ma kienux soġġetti għall-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni preżentaw rikors għall-ftuħ bl-urġenza tar-Reġistru tal-Qorti Kriminali u dan sabiex ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw rikors sabiex jitolbu lil Qorti Kriminali tawtorizza r-rilaxx ta' flejjes intiżi biex jitħallsu l-pagi tagħhom;*

10. *Illi dakinhar stess, il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba għall-ftuħ tar-Reġistru u appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-għada 28 ta' Settembru, 2020;*

11. *Illi dwar dan ir-rikors, li għadu pendenti, ser jingħad biss illi rriżulta b'mod ċar li l-Qorti Kriminali m'għandiex is-setgħa li tissindika jew tagħti ordnijiet lill-intimati f'każijiet ta' ordni ta' sekwestru u investigazzjoni maħruġa taħt l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;*

12. *Illi f'dan l-istadju ssir referenza għad-**Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill** fejn l-Artikolu 8 tal-istess jipprovdi illi:*

> "1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom.
>
> ...
>
> 4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu **l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti**, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali..."

13. *Illi l-Artikolu 4 tal-Kap 373 ma jagħti lil Qorti Kriminali l-ebda segħta li tisma' quddiema kontestazzjoni tal-ordni ta' sekwestru u konsegwentament li tissindika u / jew tvarja tali ordni jekk jirriżultawla l-estremitajiet biex tagħmel dan;*

14. *Illi x'tista' tkun il-bażi biex il-Qorti Kriminali tvajra ordnijiet fejn persuna tiġi temporanjament jew permanentament mċaħħda milli tgawdi l-propjetà tagħha, ġie enunċjat b'mod ċar mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet* ***Paulet vs United Kingdom*** *tat-13 ta' Mejju, 2014. F'din is-sentenza (li tirrferi għal ordni ta' konfiska) sabet illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni kif fuq ċitat u dan għas-segwenti raġunijiet:*

> **"64.** It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, § 51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, *inter alia*, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and **there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised** (fn. 1 sottlinear tal-esponenti) (see, among many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no. 1), judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p. 17, § 55).
>
> **65. An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset** (fn. 2 Sottolinear tal-esponenti) (see Sporrong and Lönnroth v. Sweden, cited above, §73). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI v. the United Kingdom, 24 October 1986, § 54, Series A no. 108). Although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the **Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake** (AGOSI, cited above, § 55, and Jokela v. Finland, no. 28856/95, § 55, ECHR 2002-IV).

15. *Illi aktar riċenti fil-kawża fl-ismijiet* ***Filkin v. Portugal*** *deċiża fit-3 ta' Marzu, 2020 (fn. 3 Applikazzjoni numru 69729/12) il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt li restrizzjoni temporanja fuq l-użu ta' proprjetà ta' ċittadin hija fil-kompetenza tal-Istati Membri, iridu jissussistu ċertu*

*kundizzjonijiet bħal dik tal-interess ġenerali. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:*

> *"Since* ***the applicant did not benefit from the procedural guarantees that would enable him to effectively challenge the measure in question*** *and having regard to its long period of application, the Court concluded that the applicant had been subjected to a 'special and outrageous charge', which overturned the a fair balance that must be struck between the legitimate general interest pursued by the authorities and the applicant's right to peaceful enjoyment of his property".*

16. *Illi l-proċedura skont l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma tagħti l-ebda setgħa lil Qorti Kriminali, sabiex toffri* ***rimedju ordinarju*** *fis-sens illi tissindika l-ordni in kwistjoni u jekk tħoss il-ħtieġa, tannulla jew tvarja l-istess, jekk jirriżultaw l-estremitajiet indikati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea;*

17. *Illi huwa minnu li tkun il-Qorti Kriminali qabel tawtorizża l-ħruġ tal-ordni għandha tagħmel dak li jiddisponi l-Artikolu 4(7) [tal-Kap. 373] u ċioè illi:*

> "**4(7)** Qabel ma tagħmel ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru, il-qorti tista' titlob li tisma' lill-Avukat Ġenerali bil-magħluq u ma tagħmilx dak l-ordni –
>
> (a) kemm-il darba ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali li hemm raġuni biżżejjed kif provdut fis-subartikolu (1);
>
> u
>
> (b) fil-każ ta' ordni ta' investigazzjoni, kemm-il darba qorti ma tkunx sodisfatta li jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jissuspetta li l-materjal li għalih tirreferi t-talba -
>
> (i) x'aktarx li jkun ta' siwi sostanzjali (kemm jekk waħdu jew flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni li għaliha tkun saret it-talba, u
>
> (ii) ma jkunx jikkonsisti f'komunikazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(a)".

18. *Illi madanakollu, l-eżerċizzju li tagħmel il-Qorti Kriminali skont l-Artikolu 4(7) huwa wieħed strettament* prima facie *u dan ifisser illi jekk fil-kors tal-investigazzjoni jirriżultaw fatti li jimmeritaw illi l-ordni tiġi revokata jew almenu riformata, huwa l-Avukat Ġenerali biss li għandu s-setgħa jitlob ir-revoka ta' din l-ordni;*

19. *Illi fil-fatt l-Artikolu 4(11) jipprovdi illi:*

> **"4(11) <u>Ordni ta' sekwestru għandu, kemm-il darba ma jiġix revokat aktar kmieni mill-Avukat Ġenerali b'avviż bil-miktub notifikat lill-persuna suspettata u lis-sekwestratarju bil-mod previst fis-subartikolu (9), jispiċċa milli jkollu seħħ ma' għeluq żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha jkun sar</u>**; u l-qorti tista', wara li ssir talba mill-Avukat Ġenerali, u meta tkun sodisfatta li jeżistu raġunijiet suffiċjenti, testendi l-validità ta' dak l-ordni ta' sekwestru għal perjodu ieħor ta' sitt (6) xhur. Il-qorti ma tagħmilx ordni ieħor ta' sekwestru dwar dik il-persuna suspettata kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li hemm informazzjoni sostanzjalment ġdida dwar ir-reat imsemmi fl-artikolu 3".

20. *Illi filwaqt li wieħed jista' jifhem illi mal-ħruġ tal-ordni* per se*, il-persuni affettwati ma jintalbux iwieġbu għal dak li jkun qed jallega l-Avukat Ġenerali fil-konfront tagħhom (u għaldaqstant il-Qorti tkun semgħet biss lil Avukat Ġenerali qabel tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-ordni), daqstant ieħor huwa inkonċepibbli kif il-persuna affetwata m'għandha l-ebda dritt fil-Liġi li ssemma leħinha u tattaka t-teżi tal-Avukat Ġenerali sakemm ma tiġix eventwalment akkużata li kkomettiet reat, fejn imbagħad jiskattaw l-effetti tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta*

21. *Illi fil-fatt d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 jikkuntrastaw ferm ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 5 tal-Kap 373 li jirreferi għal ordni ta' friżar ta' persuna akkużata. L-effetti ta' friża huma tista' tgħid identiċi għall-effetti kontemplati fl-Artikolu 4, tant li d-diċitura tal-Artikolu 5(1)(a) tinkludi l-kliem "jissekwestra f'idejn terzi". Id-differenza fundamentali bejn l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5 hija li fil-każ tal-Artikolu 5 il-Qorti Kriminali għandha s-setgħa li tissindika l-ordni ta' friża u dan billi:*

(i) *tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat filwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena –* ***L-ewwel proviso tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Kap 373****;*

(ii) *tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri* bona fide *u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli –* ***It-tieni proviso tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Kap 373****;*

(iii) *L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali –* ***Artikolu 5(9) tal-Kap 373****;*

22. *Illi dan ifisser li filwaqt li* ***persuna akkużata*** *tgadwi minn dritt li titlob rimedju ordinarju, dritt fundamentali sabiex persuna akkużata tingħata smigħ xieraq, mill-banda l-oħra* ***persuna investigata fuq suspett li hija kkomettiet xi reat,*** *ssib ruħha bl-assi tagħha kollha sekwestrati* ***għal perijodu minn sitt xhur sa sena*** *mingħajr m'għandha l-ebda dritt skont il-Liġi li tirrikorri għal Qorti ta'*

*setgħa ordinarja sabiex titlob li tiġi sindikata jew revokata l-ordni u dan għaliex id-dritt tar-revoka huwa wieħed esklussiv għall-Avukat Ġenerali;*

23. *Illi hawn ukoll qed nitkellmu fuq sitwazzjoni fejn individwi li **għadhom qed jiġu investigati**, allegatament **fuq konklużjonijiet ta' inkjesta maġisterjali dwar allegati*** **kickbacks** ***fis-somma ta' Euro100,000 fuq bejgħ ta' passaporti**, sabu ruħhom f'sitwazzjoni katastrofika li jekk mhux ser tiġi indirizzata, ser issarraf biss fil-falliment tagħhom personali u tan-negozji tagħhom ossija s-soċjetajiet rikorrenti;*

24. *Illi s-soċjetajiet rikorrenti jimpjegaw 'il fuq minn 80 persuna fuq bażi* full time. *Dawn huma soċjetajiet li joperaw u wħud minnhom ilhom joperaw għal għexieren ta' snin. L-ordni ta' sekwestru li huwa indubbjament wieħed drakonjan fl-estremità ġabet lil dawn il-kumpanniji għarkubtejhom u dan peress illi:*

    *(a) Għandhom il-kontijiet bankarji kollha iffriżati;*

    *(b) Debituri tar-rikorrenti li qed jipprovaw jagħmlu pagamenti fil-kontijiet tal-kumpanniji mhux jitħallew jagħmlu dan;*

    *(c) Kredituri tar-rikorrenti m'hux qed jitħallsu;*

    *(d) Il-pagi tax-xahar ta' Settembru ta' 78 ħaddiem ċertament estranei għal dawn il-proċeduri ma tħallsux;*

    *(e) Il-kumpanniji in ġenerali mhux jitħallew joperaw.*

25. *Illi r-rikorrenti għandhom ħafna xi jgħidu dwar din l-ordni ta' sekwestru u huma preklużi li jagħmlu dan minħabba li sfortunatament il-konklużjoniet tal-inkjesta maġisterjali l-Avukat Ġenerali ma jridx jippublikahom;*

26. *Illi r-rikorrenti jħossu wkoll illi sabiex huma jingħataw smigħ xieraq u jiġi rispettat il-prinċipju tal-*equality of arms, *huma għandu jkollhom, id-dritt bil-Liġi illi jikkontestaw u jitolbu r-revoka jew varjazzjoni ta' din l-ordni ta' investigazzjoni quddiem Qorti ta' setgħa ordinarja f'dan il-każ quddiem il-Qorti Kriminali;*

27. *Illi wkoll, u dan sabiex jiġi assigurat il-bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dawk tal-interess ġenerali li suppost jippromwovi l-Istat, ir-rikorrenti jikkontendu li għandu jkollhom dritt jitolbu li Qorti Kriminali tintervjeni sabiex huma ma jirrekawx preġudizzju irrimedjabbli fil-kors tal-investigazzjoni, li l-modalità u t-tul tagħha huwa wara kollox fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali;*

28. *Illi r-rikorrenti għaldaqstant jemmnu illi qed isofru minn leżjoni ta' diversi drittijiet fundamentali tagħhom, u ċioè;*

   *(i) Leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *(ii) Leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *(iii) Leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' sekwestru u investigazzjoni qed jinfliġġi fuqhom piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huma ħatja li kkomettew reat.*

29. *Illi għaldaqstant qiegħda ssir dina l-kawża;*

30. *Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati.*

*Għaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, r-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effetwati biex jitolbu lil Qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruġha taħt dan l-Artikolu;*

2. *Tiddikjara illi konsegwentament r-rikorrenti sofrew leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' sekwestru u investigazzjoni qed jinfliġġi fuqhom piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huma ħatja li kkomettew reat;*

5. *Tannulla, tirrevoka jew tvarja l-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni mertu ta' dina l-kawża;*

6. *Tieħu dawk il-provvedimenti li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali** u **l-Kummissarju tal-Pulizija**, (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), ippreżentata fis-16 ta' Ottubru, 2020, fejn wieġbu kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi l-esponenti jiddikjaraw li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tal-artikoli msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

2. *Illi l-ordni ta' investigazzjoni u l-ordni ta' sekwestru maħruġa skont l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew ordnati mill-Qorti wara li l-Qorti Kriminali, fl-għerf u fl-esperjenza tagħha rat li kien hemm lok li dawn l-ordnijiet jinħarġu għaliex huwa wkoll fl-interess ġenerali li dan iseħħ. Ċertament li twaqqaf u tinvestiga reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku;*

3. *Illi l-esponenti jirrilevaw li persuna li tkun qed tiġi investigata dwar reati serjissimi,* ***ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, fosthom bil-ħrug ta' ordni ta' sekwestru****, u apparti hekk jistgħu anke, skont l-eżitu tal-investigazzjoni, jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. Dawn ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala piena* ai termini *tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, iżda huma miżuri kawtelatorji li huma neċessarji u raġonevoli u meħuda dejjem fl-interess ġenerali;*

4. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Għaldaqstant, l-esponenti jissottolineaw li din il-miżura hija għal kollox* ***leġittima, ġustifikata u***

***<u>proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u dan sabiex jiġi evitat diżordni jew egħmil kriminali</u>;***

5. *Illi l-esponenti jissollevaw l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex l-Artikolu 37 jitkellem biss dwar teħid forzuż, jiġifieri teħid b'mod obbligatorju bħal meta għandek esproprijazzjoni, li żgur ma tiffigurax f'dan il-każ għaliex l-esponenti ma ħadux l-assi u l-flejjes tar-rikorrenti. Isegwi għalhekk li l-Artikolu 37 joffri ħarsien unikament meta hemm teħid tal-proprjetà minħabba xi effett ta' xi att tal-Istat. Skont din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, l-istess protezzjoni mhix mogħtija meta jkun hemm interferenza fid-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà;*

6. *Illi kemm id-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet <u>Paulet vs United Kingdom</u>, it-tnejn imsemmija mir-rikorrenti, jittrattaw xenarji għal kollox differenti mill-każ preżenti proprju għaliex id-direttiva qed tirreferi għal ordni ta' ffrizar* (freezing order) *u l-każ fl-ismijiet <u>Paulet vs United Kingdom</u> qed jirreferi għal ordni ta' konfiska* (confiscation order) *li huma bil-wisq differenti minn ordni ta' sekwestru* (attachment order*) fejn din tal-aħħar hija ordni kawtelatorja;*

7. *<u>L-ordni ta' sekwestru</u> tinħareġ meta hemm **persuna suspettata** u jinħareġ għal żmien qasir waqt li jkunu għaddejjin l-investigazzjonijiet, jiġifieri sa massimu ta' sitt xhur, li jistgħu jiġu mġedda għal sitt xhur oħra, iżda jrid ikun hemm **<u>raġunijiet ġodda validi</u>** sabiex dan ikun jista' jseħħ. Din hija miżura li tittieħed meta jkun hemm **<u>raġunijiet ta' suspett</u>** u ma jkunx għad hemm akkużi maħruġa u huwa speċifikament għalhekk li tali ordni ma ttulx u tibqa' fis-seħħ sa sitt xhur jew inqas, jekk l-investigazzjoni tiġi konkluża qabel dan iż-żmien. Kwindi kien dan il-għan tal-leġislatur meta ġie biex jilleġisla f'dan il-kamp delikat meta ma pprovdiex mezz ta' kontestazzjoni minn ordni ta' sekwestru – sabiex l-investigazzjonijiet ma jiġux imxekkla u sabiex l-informazzjoni meħtieġa tibqa' ntatta;*

8. *Minn eżami bir-reqqa tal-artikolu 4(7) tal-Kap. 373, naraw li qabel ma l-Qorti Kriminali toħroġ tali ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, tkun diġà indagat u xtarret sew il-każ ta' quddiemha. (fn. 1* (7) Qabel ma tagħmel ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru, il-qorti tista' titlob li tisma' lill-Avukat Ġenerali bil-magħluq u ma tagħmilx dak l-ordni - (a) kemm-il darba ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali li hemm raġuni biżżejjed kif provdut fis-subartikolu (1); u (b) fil-każ ta' ordni ta' investigazzjoni, kemm-il darba l-qorti ma tkunx sodisfatta li jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jissuspetta li l-materjal li għalih

tirreferi t-talba - (i) x'aktarx li jkun ta' siwi sostanzjali (kemm jekk waħdu jew flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni li għaliha tkun saret it-talba, u (ii) ma jkunx jikkonsisti f'komunikazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(a).) *Dan jimplika li tali ordnijiet ma jinħarġux bl-addoċċ. F'dawn it-tip ta' investigazzjonijiet, min ikun qed jinvestiga jrid jaġixxi b'mod mgħaġġel u dan sabiex il-provi jiġu salvagwardjati u l-investigazzjoni tkun suċċess. Huwa għalhekk li l-leġislatur ħaseb li ma jagħtix lok għal kontestazzjoni għax jekk jagħmel dan, hemm riskju li l-provi jegħbu. Tali ordni ta' sekwestru hija miżura kawtelatorja meħuda fl-interess pubbliku maħsuba biex tiżgura li ħwejjeg li setgħu nkisbu minn attivitajiet kriminali ma jintilfux sakemm idumu għaddejjin l-investigazzjonijiet;*

9. *L-ordni tal-iffriżar hija miżura kompletament differenti u huwa għalhekk li l-leġislatur jitrattahom b'modi diversi. L-ordni tal-iffriżar tinħareġ meta jkollok akkużi maħruġin kontra l-persuni u għalhekk persuna tkun* ***akkużata****. Dan it-tip ta' ordni m'għandux żmien ta' validità, għall-kuntrarju ta' ordni ta' sekwestru li huwa validu għal massimu sitt xhur;*
10. *Illi f'dan il-każ, irid jiġi enfasizzat li preżentement hemm xogħol investigattiv kbir għaddej u assolutament ma hemm l-ebda tkaxkir tas-saqajn;*
11. *Illi fid-dawl ta' dak kollu li ntqal fuq, bl-ebda mod m'għandu jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;*
12. *Illi huwa prinċipju stabbilit li ma jistax jinsab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq jekk proċess kriminali ma jiġix eżaminat fl-intier tiegħu. Issa fil-każ preżenti, il-proċess kriminali għadu lanqas biss skatta għaliex l-investigazzjoni inizjali, li tista' twassal għal akkużi fil-konfront tar-rikorrenti, għadha għaddejja. Għalhekk, tali lmenti rigward nuqqas ta' smigħ xieraq huma intempestivi u prematuri u għandhom jiġu miċħuda;*
13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' April, 2021, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikorrenti jirrilevaw kif fil-21 ta' Settembru, 2020, l-intimati jew min minnhom, kienu ressqu talba sabiex jinfetaħ b'urġenza r-Reġistru tal-Qorti Kriminali u b'hekk talbu lil dik l-istess Qorti sabiex tawtorizza l-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u ordni ta' sekwestru fil-konfront ta' diversi persuni, fosthom l-istess riskorrenti, *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Imbagħad fil-lejl bejn il-21 ta' Settembru, 2020 u t-22 ta' Settembru, 2020, il-Pulizija kienet marret fir-residenza tar-rikorrent Keith Schembri, fejn għamlet tfittxija u elevat numru ta' oġġetti mobbli filwaqt li ħaditu taħt arrest fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sakemm ġie rilaxxat filgħaxija tat-22 ta' Settembru, 2020. Ir-rikorrenti jgħidu li fil-frattemp, l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru żammet l-operat kollu tas-soċjetajiet rikorrenti, li flimkien kienu jimpjegaw aktar minn tmenin ruħ. Għalhekk uħud minn dawn is-soċjetajiet ippreżentaw rikors fil-Qorti Kriminali fl-24 ta' Settembru, 2020 fejn talbu sabiex taħtar amministratur jew amministraturi bil-għan li jkomplu joperaw l-imsemmija soċjetajiet taħt is-sorveljanza ta' dik il-Qorti. Iżda fil-25 ta' Settembru, 2020, wara li oġġezzjona l-Avukat Ġenerali, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tagħhom. Fis-26 ta' Settembru, 2020, uħud mis-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw rikors għall-ftuħ bl-urġenza tar-Reġistru tal-Qorti Kriminali, fejn huma għalhekk ippreżentaw rikors b'talba sabiex dik il-Qorti tawtorizza l-ħlas

tal-pagi tal-impjegati tagħhom. L-għada fis-27 ta' Settembru, 2020, anki l-impjegati tas-soċjetajiet rikorrenti li mhumiex soġġetti għall-ordni ta' investigazzjoni u dik ta' sekwestru, ippreżentaw rikors għall-ftuħ bl-urġenza tal-istess Reġistru tal-Qorti Kriminali fejn huma intavolaw rikors b'talba sabiex jiġu rilaxxjati l-flejjes intiżi għall-ħlas tal-pagi tagħhom. Ir-rikorrenti jgħidu li dan ir-rikors kien għadu pendenti, iżda kien jidher b'mod inekwivoku li l-Qorti Kriminali m'għandhiex is-setgħa li tissindika u/jew tvarja ordni ta' sekwestru u investigazzjoni kif magħmula taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 373, jew saħansitra tagħti ordnijiet lill-intimati. Ir-rikorrenti jagħmlu riferiment u jiċċitaw l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'l quddiem "il-Qorti Ewropea"] fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Paulet *v.* United Kingdom**[1] tat-13 ta' Mejju, 2014 fir-rigward ta' ordni ta' konfiska fejn sabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa 'l quddiem "il-Konvenzjoni"] u fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Filkin *v.* Portugal**.[2] Ir-rikorrenti jissottomettu li skont is-subartikolu 4(7) tal-Kap. 373, l-eżerċizzju tal-Qorti Kriminali huwa wieħed *prima facie* u jekk jirriżultaw fil-kors tal-investigazzjoni fatti li jitolbu li l-ordni tiġi revokata jew ta' mill-inqas mibdula, huwa l-Avukat Ġenerali biss li għandu s-setgħa li jitlob ir-revoka ta' tali ordni u dan kif jidher mis-subartikolu 4(11) tal-istess liġi. Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu li huwa biss fil-ħin meta tiġi akkużata li kkommettiet reat, li persuna affettwata mill-ordni tista' ssemmi leħinha u għalhekk jista' jiġi applikat l-artikolu 5 tal-Kap. 373 li jagħmel

[1] 13.05.14.
[2] App. 69729/12, 03.03.20.

riferiment għal ordni ta' iffriżar. Isostnu li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 xejn ma jixbhu lil dawk tal-artikolu 5, u dan minkejja li l-effetti ta' ffriżar huma l-istess bħal dawk kif jipprovdi għalihom l-artikolu 4, iżda huwa biss l-artikolu 5 li jagħti s-setgħa lill-Qorti Kriminali sabiex tissindika l-ordni ta' iffriżar, u dan b'riferiment partikolari għall-ewwel u għat-tieni proviso tal-para. (b) tas-subartikolu 5(1), u għas-subartikolu 5(9). B'hekk persuna investigata fuq suspett ta' reat fejn l-assi tagħha jkunu ġew sekwestrati għal perijodu minn sitt xhur sa sena, m'għandha l-ebda dritt skont il-liġi li titlob lil qorti sabiex l-ordni tiġi sindikata jew revokata, għaliex id-dritt ta' revoka huwa wieħed esklussiv għall-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrenti filwaqt li jirrilevaw li fil-każ inkwistjoni qed jiġu investigati numru ta' individwi sussegwenti għall-konklużjonijiet ta' inkjesta maġisterjali dwar allegati *kickbacks* fis-somma ta' €100,000 fuq bejgħ ta' passaporti, l-istess individwi sabu ruħhom f'sitwazzjoni katastrofika li jekk ma tiġix indirizzata ser twassal għall-falliment tagħhom personali u tan-negozji tagħhom. Is-soċjetajiet rikorrenti kienu jimpjegaw 'il fuq minn tmenin persuna fuq bażi *full-time* u wħud minnhom kienu ilhom joperaw għal għexieren ta' snin u minn hawn huma għaddew sabiex jispjegaw l-effetti li l-ordni ta' sekwestru kien ġab fuqhom. Aktar minn hekk huma ma setgħux jgħidu, għaliex l-Avukat Ġenerali kien qed iżomm milli jippubblika l-konklużjonijiet tal-inkjesta maġisterjali. Ir-rikorrenti jikkontendu illi sabiex huma jingħataw smigħ xieraq u jiġi wkoll imħares il-prinċipju tal-*equality of arms,* kien jispetta lilhom id-dritt li jikkontestaw u li jitolbu r-revoka jew varjazzjoni tal-ordni ta' sekwestru quddiem qorti ta' setgħa ordinarja, jiġifieri f'dan il-każ il-Qorti Kriminali. B'hekk ukoll kien jiġi evitat preġudizzju irrimedjabbli għalihom. Ir-rikorrenti jikkontendu li qed isofru minn ksur (i) tad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u

mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem "il-Kostituzzjoni"] u mill-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; (ii) tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti kif protett mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; u (iii) tad-dritt kif protett mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, mis-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, għaliex kienet qiegħda tiġi inflitta piena konsegwenzjali mill-aktar ħarxa mingħajr ma kkommettew reat.

4. Min-naħa tagħhom l-intimati jressqu diversi eċċezzjonijiet permezz tar-risposta tagħhom. Jibdew billi jissottomettu li ma kien hemm l-ebda ksur kif allegat, u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda. Jispjegaw li l-ordni ta' investigazzjoni u l-ordni ta' sekwestru ġew maħruġa fuq ordni tal-Qorti Kriminali, li rat li kien hemm lok li jinħarġu. Fil-fatt skont is-subartikolu 4(7) tal-Kap. 373, il-Qorti Kriminali li toħroġ l-ordni ta' investigazzjoni u dik ta' sekwestru, tkun indagat u xtarret sew il-każ quddiemha. Jirrilevaw li persuna li tkun qed tiġi investigata dwar reati serjissimi ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, fosthom bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru fejn jista' jkun hemm lok skont l-investigazzjoni, li jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. L-intimati jgħidu li però dawn ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala piena *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, għaliex huma miżuri kawtelatorji neċessarji u raġonevoli meħuda fl-interess ġenerali. Hawnhekk huma jagħmlu riferiment għall-*proviso* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jagħti l-Istat il-jedd li jagħmel dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, li fil-każ odjern kien sabiex jiġi protett ir-rikavat ta' kull reat kriminali. L-intimati jsostnu li l-miżura hija waħda leġittima, ġustifikata u proporzjonata u skont l-

interessi tal-Istat tas-sigurtà pubblika sabiex jiġi evitat diżordni u għemil kriminali. L-intimati jissollevaw li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli fil-każ odjern għaliex dan jipprovdi dwar teħid forzuż, u fil-każ odjern huma ma kienu ħadu l-ebda assi jew flejjes tar-rikorrenti. Imbagħad fir-rigward tad-Direttiva 2014/42/UE u s-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Paulet *v.* United Kingdom**[3], huma jissottomettu li ċ-ċirkostanzi hawnhekk ma kinux jixbhu lil dawk odjerni, għaliex filwaqt li d-Direttiva kienet tipprovdi għal ordni ta' ffriżar li kienet miżura differenti li tinħareġ fil-konfront ta' persuna akkużata u m'hemmx żmien ta' validità, is-sentenza msemmija kienet tirrigwarda ordni ta' konfiska. Dan meta l-każ odjern kien dwar ordni ta' sekwestru bħala att kawtelatorju li jinħareġ għal żmien qasir fil-konfront ta' persuna suspettata waqt li jkunu mexjin l-investigazzjonijiet, jiġifieri sa massimu ta' sitt xhur li jistgħu jiġu mġedda sa sitt xhur oħra fejn biss ikun hemm raġunijiet validi ġodda. Hawn is-sitwazzjoni tkun waħda ta' suspett, iżda ma jkunu nħarġu l-ebda akkużi u huwa proprju għalhekk, jgħidu l-intimati, li l-ordni ma ddumx fis-seħħ għal perjodu ta' sitt xhur jew inqas jekk l-investigazzjoni tingħalaq qabel. Jirrilevaw li l-għan tal-leġiżlatur meta ma pprovdiex mezz ta' kontestazzjoni ta' ordni ta' sekwestru, kien sabiex ma jkunx hemm l-ebda tfixkil fl-investigazzjonijiet u sabiex l-informazzjoni meħtieġa tibqa' sħiħa. L-intimati jissottomettu li fil-każ odjern qed isir xogħol investigattiv kbir u ma setax jingħad li hemm it-tkaxkir tas-saqajn. L-intimati jgħidu li għal dawn ir-raġunijiet kollha ma setax jirriżulta li hemm ksur kif allegat, u wara kollox ma setax jinstab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq jekk il-proċess kriminali ma jiġix eżaminat fl-intier tiegħu. L-intimati

[3] *Supra.*

jsostnu li għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti huma intempestivi u prematuri għaliex il-proċess kriminali saħansitra ma kienx għadu nfetaħ.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2020, xehed ir-rikorrent **Keith Schembri**.[4] Spjega kif għall-ħabta ta' nofsillejl tal-21 ta' Settembru, 2020 kienu ħabtu l-Pulizija fuq il-bieb tad-dar tiegħu, fejn għamlu tfittxija u talbuh sabiex imur magħhom jiftaħ il-fabbriki fejn ukoll saret tfittxija. Talbuh jakkumpanjahom, fejn wara interrogazzjoni, huwa nħareġ fuq *police bail.* Spjega kif l-ordni ta' sekwestru li nħarġet laqtet lill-familja tiegħu, u anki lill-kumpanniji u lill-impjegati tagħhom li ma setgħetx titħallas il-paga tagħhom. Qal li huwa kien azzjonist fil-kumpanniji rikorrenti, u l-istess kienet il-mara tiegħu r-rikorrenti Josette Schembri.

6. Waqt l-istess udjenza xehed ir-rikorrent **Malcolm Scerri**[5] li stqarr li huwa kien direttur f'ħamsa mill-kumpanniji rikorrenti. Huwa spjega wkoll kif l-ordni ta' sekwestru laqtet lilu u lill-familja tiegħu, u anki lill-kumpanniji fejn huwa kien direttur.

7. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll ir-rikorrent **Simon Poulton**.[6] Iddikjara li huwa kien impjegat fid-dipartiment tal-*Purchasing and Sales* tas-soċjetajiet rikorrenti Kasco Limited u Kasco Engineering Company Limited, u kien direttur

---

[4] *Fol.* 24 *et seq.* tal-proċess.
[5] *Fol.* 32 *et seq.* tal-proċess.
[6] *Fol.* 41 *et seq.* tal-proċess.

fl-ewwel waħda. Spjega kif l-ordni kienet affettwat lilu u lill-familja tiegħu, u kif ukoll affettwat ix-xogħol tiegħu.

8. Waqt l-istess udjenza wkoll, xehed **Robert Zammit**[7] li ddikjara li huwa kien impjegat bħala *Financial Controller* mal-kumpannija Kasco Limited. Minn hawn huwa għadda sabiex spjega kif l-ordni ta' sekwestru qiegħda tolqot il-kumpanniji.

9. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru 2020, xehdet **il-P.L. Eunice Grech Fiorini**[8] fil-kwalità tagħha ta' Reġistratur Qrati Kriminali fejn ippreżentat kopja legali tal-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni, flimkien ma' kopja tar-rikors tagħha kif iddekretat mill-Qorti Kriminali, u liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. EGF1 u Dok. EGF2.

10. Ir-rikorrenti **Sylvia Scerri**[9] xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*. Filwaqt li ddikjarat li hija mart Malcolm Scerri, li jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjetajiet rikorrenti Kasco Limited u Kasco Recycling Limited u anki kien azzjonist fis-soċjetajiet rikorrenti l-oħra Kasco Engineering Limited u Berner Limited. Dan filwaqt li hija kienet tagħmel xi xogħol klerikali fuq bażi *part-time* mas-soċjetà rikorrenti Kasco Limited. Kompliet billi spjegat l-effetti li kienet qiegħda jkollha l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru fil-konfront tagħha u tal-familja tagħha.

---

[7] *Fol.* 49 *et seq.* tal-proċess.
[8] *Fol.* 60A *et seq.* tal-proċess.
[9] *Fol.* 82 *et seq.* tal-proċess.

11. Ir-rikorrent **Daniel Scerri**[10], bin ir-rikorrenti l-oħra Malcolm u Sylvia Scerri wkoll xehed permezz tal-*affidavit*. Stqarr li huwa jaħdem bħala *administration manager* mas-soċjetà rikorrenti Berner Limited, u dan filwaqt li spjega kif laqtet lilu l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru.

12. Ir-rikorrenti **Karyn Scerri**[11], bint l-istess rikorrenti Malcolm u Sylvia Scerri, xehdet ukoll permezz tal-*affidavit*. Spjegat kif hija kienet qiegħda tagħmel kors l-Università ta' Malta li jwassal għal PhD u mingħajr ma kellha l-ebda konnessjoni mal-kumpanniji rikorrenti, hija wkoll kienet intlaqtet mill-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru.

13. Bil-proċedura tal-*affidavit* xehdet ukoll ir-rikorrenti **Sarah Poulton**.[12] Wara li kkonfermat li hija kienet mart ir-rikorrent l-ieħor Simon Poulton, li kien jokkupa l-kariga ta' direttur fis-soċjetà rikorrenti Kasco Limited, spjegat hija wkoll kif kienet ġiet milquta flimkien mal-familja mill-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru u partikolarment binha li jbati minn kondizzjoni li taffetwalu l-ħajja ta' kuljum.

14. Ir-rikorrent **Alfio Schembri**[13] wkoll xehed permezz ta' din il-proċedura tal-*affidavit*. Huwa stqarr li hu u martu r-rikorrenti Josephine Schembri kienu l-ġenituri tar-rikorrent Keith Schembri, u għalkemm huwa kien direttur fil-kumpannija Kasco Limited, l-involviment tiegħu kien wieħed limitat peress li llum huwa pensjonant. Kompla billi spjega l-effetti fuqu u fuq il-mara tiegħu li

---

[10] *Fol.* 84 tal-proċess.
[11] *Fol.* 85 tal-proċess.
[12] *Fol.* 86 tal-proċess.
[13] *Fol.* 88 tal-proċess.

ġabet l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru. Ir-rikorrenti martu **Josephine Schembri**[14], permezz ta' *affidavit* ikkonfermat dan kollu.

15. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw vera kopja tad-digriet mogħti mill-Imħallef Aaron Bugeja fil-Qorti Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2020.[15] Waqt l-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2020 xehdet għal darb'oħra l-**P.L. Eunice Grech Fiorini**[16] fejn ippreżentat vera kopja tad-digriet li ngħata mill-Imħallef Edwina Grima fil-Qorti Kriminali fid-9 ta' Novembru, 2020.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

16. Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħdin jilmentaw li ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tagħhom (i) għal smigħ xieraq kif imħares mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; (ii) għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif imħares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u anki mill-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; u (iii) li ma tiġix imposta piena mill-aktar severa mingħajr mhuma ħatja tat-twettiq ta' reat kif imħares mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, mis-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319. Għalhekk huma qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jagħtix rimedju ordinarju quddiem qorti ta' setgħa ordinarja lil persuni milquta sabiex din tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt l-imsemmi artikolu, u għalhekk huma sofrew leżjoni tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif imħares mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u

---

[14] *Fol.* 87 tal-proċess.
[15] *Fol.* 92.
[16] *Fol.* 130 *et seq.* tal-proċess.

mill-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, kif ukoll tad-dritt tagħhom għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif imħares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mill-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u tad-dritt tagħhom kif imħares mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, mis-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, stante li l-ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru li kienet insindikabbli, kienet qiegħda tinfliġġi piena konsegwenzjali fuqhom mill-aktar severa mingħajr ma kienu ħatja tat-twettiq ta' reat. Bħala konsegwenza ta' dan kollu, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu sabiex din il-Qorti tannulla, tirrevoka jew tvarja l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru inkwistjoni, tillikwida d-danni morali sofferti minnhom u tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati filwaqt li tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni sabiex jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-intimati.

17. L-intimati jikkontendu li persuna li tkun qiegħda tiġi investigata fuq reati serjissimi, ser issib ruħha marbuta b'xi miżuri, fosthom ordni ta' sekwestru, iżda liema miżuri ma jistgħux jiġu meqjusa bħala piena *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, għaliex isostnu li tali miżuri huma ta' natura kawtelatorja neċessarja u raġonevoli u meħuda dejjem fl-interess ġenerali. L-intimati jissottomettu li l-ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru ġew maħruġa skont l-artikolu 4 tal-Kap. 373, kif ordnati mill-Qorti Kriminali wara li din tkun bl-għerf u bl-esperjenza tagħha, għarfet li hemm lok li jinħargu. Għal dak li jirrigwarda mbagħad l-ilment msejjes fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-intimati jgħidu li skont il-*proviso* tiegħu, l-Istat għandu kull dritt li jgħaddi dawk

il-liġijiet li jidhrulu xierqa, u fil-każ odjern dan kien sabiex jiġi protett ir-rikavat ta' reat kriminali. B'hekk il-miżura kienet waħda leġittima, ġustifikata u proporzjonata u skont l-interess li kellu l-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika b'mod li jiġi evitat diżordni jew għemil kriminali. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti kif imsejjes fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-intimati jissottomettu li dan jipprovdi dwar teħid forzuż, li ma kienx jirriżulta fil-każ odjern. L-intimati jkomplu jsostnu li kemm id-Direttiva 2014/42/UE u anki s-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Paulet *v.* United Kingdom**[17] ma jgħoddux għall-każ odjern, u dan għaliex id-Direttiva tirrigwarda ordni ta' iffriżar u s-sentenza hija dwar kwistjoni ta' ordni ta' konfiska, u t-tnejn li huma differenti ferm minn ordni ta' sekwestru li kienet ta' natura kawtelatorja. L-intimati jkomplu jirrilevaw li ordni ta' sekwestru fil-fatt jinħareġ fejn hemm persuna suspettata, u dan għal żmien qasir matul l-investigazzjonijiet, jiġifieri għal żmien sitt xhur li seta' jiġġedded għal perijodu ieħor ta' sitt xhur, iżda dejjem għal raġunijiet ġodda u validi. Ir-rikorrenti jissottomettu li sabiex l-investigazzjonijiet ma jiġux imxekkla bl-ebda mod u sabiex l-informazzjoni meħtieġa tibqa' sħiħa, il-leġiżlatur ma kien ipprovda għall-ebda mezz ta' kontestazzjoni minn ordni ta' sekwestru. Jirrilevaw li din tal-aħħar ma tixbahx ordni tal-iffriżar, li tinħareġ kontra persuna akkużata. B'hekk minn dan kollu ma setax jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319.

18. Għandu mill-ewwel jingħad li permezz ta' digriet tad-9 ta' Novembru, 2020[18], il-Qorti Kriminali, fuq rikors tal-intimat l-Avukat Ġenerali, li talab sabiex

[17] *Supra.*
[18] *Fol.* 131 *et seq.* tal-proċess.

dik il-Qorti tirriduċi l-effetti tal-ordni ta' sekwestru fil-konfront tas-soċjetajiet intimati Kasco Recycling Limited, 3 City Designs Limited, Berner Malta Limited, Kasco Engineering Limited, Kasco Trading Limited, u Kasco Limited u sabiex taħtar espert għall-fini ta' analiżi ta' dawk it-transazzjonijiet kummerċjali ordinarji li jistgħu jiġu awtorizzati, akkordat din it-talba tal-aħħar billi ħatret espert biex iħejji rapport opportun fejn għandhom jiġu indikati dawk it-transazzjonijiet ordinarji meħtieġa għall-operat ta' kuljum ta' dawk is-soċjetajiet u sabiex jgħid kif tali transazzjonijiet jistgħu jsiru fl-ambitu tal-ordni. Dan filwaqt li l-Qorti Kriminal irriżervat li tipprovdi ulterjorment dwar it-talba l-oħra wara l-preżentata ta' dan ir-rapport.

19. Fl-ewwel talba tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jipprovdiex għal rimedju ordinarju, fejn qorti ta' setgħa ordinarja għandha l-poter li tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt l-imsemmi artikolu. Il-Qorti tgħid li dan huwa minnu u tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 huma ċari u inekwivoċi meta jipprovdu għas-setgħa tal-Qorti Kriminali fir-rigward tal-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru u fir-rigward tal-estensjoni tagħha. Iżda s-setgħa ta' dik il-Qorti tieqaf hemm u dan stante li l-persuna suspettata ma tingħata l-ebda jedd li tirrikorri lejn dik il-Qorti b'talba sabiex l-ordni tiġi mħassra jew mibdula. Il-Qorti Kriminali esprimiet ruħha fuq din il-kwistjoni u fid-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2020 iddikjarat bla tlaqliq ta' xejn dawk li huma l-poteri tagħha taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 373 li:

> *"...huma limitati u cirkoskritti għal dak imfassal f'din id-disposizzjoni tal-liġi, bil-Qorti għandha is-setgħa ta' deċiżjoni* ***biss*** *meta tiġi mitluba mill-Avukat Ġenerali sabiex*

*tatworizza l-ħruġ ta' tali Ordni u ukoll meta issir talba minnu għall-estensjoni oltre l-perijodu indikat fil-liġi għall-validità tiegħu.".*

20. Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Qorti Kriminali u tgħid għalhekk li r-rikorrenti għandhom raġun fejn huma qegħdin isostnu li huwa biss l-Avukat Ġenerali li għandu d-dritt li jirrevoka l-ordni ta' sekwestru u li l-persuna li tkun qiegħda tiġi investigata taħt ordni tal-Qorti fuq suspett tat-twettiq ta' reat, m'għandha l-ebda dritt li tirrikorri lejn l-imsemmija Qorti sabiex titlob li din tissindika jew saħansitra tirrevoka l-ordni. Mhux biss dan u aktar minn hekk, kif il-Qorti Kriminali kompliet tgħid:

*"Illi allura meta l-Avukat Ġenerali ressaq talba quddiem din il-Qorti sabiex jiġu ridotti l-effetti tal-Ordni ta' Sekwestru, din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tiċħad tali talba billi dan il-poter huwa fdat biss f'idejn l-Avukat Ġenerali u ħadd iktar.".*

21. Il-Qorti Kriminali sewwa għarfet li:

*"... il-leġislatur ma ħasibx sal-lum sabiex meta is-sekwestrat tkun azjenda kummerċjali, din tkun tista' tkompli bl-operat tagħha ta' kuljum mingħajr ma jiġi mxekkel tali Ordni.".*

Iżda l-Qorti tirrileva li dan ma jistax jingħad fir-rigward ta' persuna naturali li tkun ġiet soġġetta għal ordni ta' sekwestru, għaliex il-leġiżlatur hawnhekk ikkonsidra u ħaseb sabiex hekk kif milquta mill-ordni, dik il-persuna tkun tista' tgħajjex lilha nnifisha u lill-familja tagħha filwaqt li l-patrimonju tagħha jibqa' sħiħ. Għalhekk is-subartikolu 4(8) tal-Kap. 373 jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-para. (a), (b) u (e) tas-subartikolu 381(1) tal-Kap. 12 huma applikabbli *mutatis mutandis* għal Ordni ta' Sekwestru. Dawn l-artikoli tal-liġi jiddisponu kif ġej:

"381. (1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –

(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);

(b) benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern;

...

(e) flus li għandhom jingħataw taħt titolu ta' manteniment sew jekk officio judicis kemm jekk b'kuntratt pubbliku, meta l-kreditu stess ma jkunx għall-manteniment;

...

382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta'sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:

Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandate għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:

Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta."

22. Għandu jingħad li permezz ta' rikors urġenti magħmul fit-2 ta' Ottubru, 2020 fl-atti tar-rikors ordjern, is-soċjetajiet rikorrenti Navis Logistics Limited (C94559), Kasco Limited (C25890), Kasco Recycyling Limited (C42762), Its Good Limited (C44687), FSV Limited (C37531), Kasco Engineering Company Limited (C34257), Berner Malta Limited (C60364), 3City Designs Limited (C44007) u Kasco Holdings Limited C17886), ressqu f'dawn l-istess atti, rikors urġenti b'talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja permezz tal-ħatra ta' amministratur jew

amministraturi bil-għan li jamministra jew jamministraw l-operat tagħhom, sabiex b'hekk huma jkomplu joperaw taħt is-sorveljanza tal-Qorti. Waqt is-smigħ tar-rikors tagħhom, xehed Keith Schembri azzjonista f'dawk is-soċjetajiet fejn spjega x'kienu qed ikunu l-effetti tal-ordni ta' sekwestru fuq l-imsemmija soċjetajiet. Permezz ta' provvediment tal-14 ta' Ottubru, 2020, din il-Qorti ikkonstatat li t-talba tagħhom kienet waħda xierqa u għalhekk għaddiet sabiex tordna l-ħruġ ta' miżura proviżorja permezz tal-ħatra ta' amministratur jew amministraturi, ħalli jamministra jew jamministraw l-operat ta' dawk is-soċjetajiet rikorrenti. Din l-ordni ġiet mibdula mill-Qorti Kostituzzjonali wara appell tal-intimati, fejn ġie deċiż li għandha tkun il-Qorti Kriminali li tagħżel l-amministratur wara li tisma' lill-partijiet.

23. Iżda dan kollu ma sarx bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-artikolu 4 tal-Kap. 373, liema dispożizzjoni tal-liġi l-Qorti tgħid illi ma tagħtix il-jedd lill-persuna suspettata li tikkontesta l-ordni ta' sekwestru magħmula fil-konfront tagħha jew li titlob li l-effetti jiġu mibdula, u sabiex il-Qorti Kriminali tkun tista' tilqa' t-talba tal-persuna suspettata skont id-diskrezzjoni tagħha, fl-eventwalità li jirriżultaw raġunijiet tajba. F'eżerċizzju fejn ir-rikorrenti jindikaw id-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 u dawk tal-artikolu 5 li jipprovdi għal ordni ta' ffriżar, huma jelenkaw tliet ċirkostanzi fejn il-Qorti Kriminali għandha s-setgħa li tissindika din tal-aħħar. Kif diġà ngħad, il-Qorti Kriminali m'għandha l-ebda setgħa li tissindika u tipprovdi mod ieħor wara li tkun ħarġet ordni ta' sekwestru fuq talba tal-intimat l-Avukat Ġenerali, u għalhekk is-subartikolu 4(8) tal-Kap. 373 mill-ewwel jipprovdi għal dawk l-eċċezzjonijiet li m'għandhomx jintlaqtu mill-ordni ta' sekwestru, u dawn jixbhu sew dak li tista' tipprovdi għalih il-Qorti

Kriminali skont il-*proviso* tal-para. (b) tas-subartikolu 5(1) tal-Kap. 373, li r-rikorrenti jsemmu bħala l-ewwel ċirkostanza fejn dik il-Qorti Kriminali għandha s-setgħa li tissindika ordni ta' iffriżar. Iżda ma hemm l-ebda provvediment fir-rigward taż-żewġ ċirkostanzi l-oħra fejn (i) il-qorti tista' tawtorizza l-ħlas ta' dejn jew it-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli; u (ii) l-akkużat għandu l-jedd li jitlob għar-revoka tal-ordni. Dan kollu, tgħid il-Qorti, meta l-persuna milquta mill-ordni ta' sekwestru hija waħda suspettata, u għalhekk f'dak l-istadju għad hemm l-inċertezza dwar jekk għandhiex tiġi mixlija b'reat kriminali taħt il-Kap. 373.

24. L-intimati min-naħa tagħhom jinsistu li ordni ta' iffriżar hija miżura differenti u din saħansitra tinħareġ fil-konfront ta' persuna akkużata mingħajr żmien ta' validità. Jirrilevaw li l-ordni ta' sekwestru tinħareġ għal massimu ta' sitt xhur u l-għan tal-leġiżlatur meta naqas milli jipprovdi għall-mod kif ordni ta' sekwestru tista' tiġi kkontesta, kien proprju sabiex ma jkun hemm l-ebda tfixkil fl-investigazzjonijiet li għandhom jitmexxew b'mod mgħaġġel sabiex b'hekk l-informazzjoni meħtieġa tibqa' sħiħa. Jgħidu li wara kollox is-subartikolu 4(7) tal-Kap. 373 jipprovdi b'mod li l-Qorti Kriminali tkun qieset sew il-każ miġjub quddiemha qabel ma tordna l-ħruġ tal-ordni ta' sekwestru. Imma l-Qorti tgħid li mhux raġonevoli u ċertament ma jistax jingħad li kien il-għan tal-leġiżlatur, li persuna milquta minn ordni ta' sekwestru, kemm jekk tkun persuna fiżika kemm jekk tkun soċjetà jew entità oħra stabbilita skont il-liġi, għandha tieqaf għal perijodu saħansitra ta' sena jew sal-ġurnata meta titressaq fuq att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, qabel ma tkompli bl-attivitajiet kummerċjali tagħha jew attivitajiet oħra skont il-liġi. Il-Qorti hawnhekk qiegħda tagħraf id-dannu

kbir u rrimedjabbli li tista' ġġarrab dik il-persuna jew soċjetà jew entità oħra, wisq aktar dawk il-persuni li jiddependu fuqha għall-għajxien tagħhom jew kull persuna oħra li tkun ikkontrattat magħha.

25. Meħud inkonsiderazzjoni dak li qegħdin isostnu r-rikorrenti li d-dispożizzjonijiet dwar ordni ta' sekwestru jonqsu milli jipprovdu bl-istess mod bħal dawk id-dispożizzjonijiet dwar ordni ta' ffriżar, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra t-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti. Tibda billi tirrileva li huma r-rikorrenti stess li qegħdin jagħrfu, u dan b'enfażi tagħhom ukoll, li *"...hawn ... qed nitkellmu fuq sitwazzjoni fejn individwi li* ***għadhom qed jiġu investigati*** *..."*. Għalhekk m'hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tagħhom li l-ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom qegħdin isiru fil-kwalità tagħhom ta' persuni suspettati, kif wara kollox tirrifletti l-Ordni ta' Investigazzjoni u ta' Sekwestru magħmula mill-Qorti Kriminali.

26. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrenti, jipprovdi fost affarijiet oħra, għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' persuna akkużata b'reat kriminali u għalhekk mhuwiex applikabbli fil-konfont tagħhom. L-istess għandu jingħad fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif miġjub ukoll fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, li wkoll jitkellem fost oħrajn dwar id-drittijiet li jispettaw lil persuna akkużata b'reat kriminali. Il-Qorti tagħraf ukoll li ma jistax japplika fil-konfront tar-rikorrenti l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, kif miġjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, u dan għaliex ir-rikorrenti kif diġà ngħad, huma biss suspettati u ma ġewx soġġetti għal proċess kriminali. Il-Qorti tirrileva li l-ordni ta' sekwestru tista' twassal għal proċess kriminali, iżda ma tistax titqies li hija parti minn proċess kriminali fejn hemm persuna akkużata. Għal din ir-raġuni ma

jistgħux ir-rikorrenti jinvokaw ukoll id-drittijiet kif sanċiti fis-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegat ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni qegħdin jiġu meqjusa bħala intempestivi u ma jistgħux jintlaqgħu.

27. Ir-rikorrenti jiċċitaw id-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Paulet *v.* United Kingdom**[19] in sostenn tal-argumenti miġjuba minnhom, u jissottomettu wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 jikkontrastaw ferm ma' dawk tal-artikolu 5 tal-Kap. 373. Imma din il-Qorti tirrileva li paragun tant laxk bejn ordni ta' ffriżar u ordni ta' sekwestru, ma jistax isir għar-raġuni li l-artikolu 5 tal-Kap. 373 japplika fil-konfront ta' persuna li tkun ġiet akkużata taħt l-artikolu 3 ta' dak l-Att, u t-tħaddim ta' ordni ta' ffriżar m'għandux terminu ta' validità u tali ordni ta' sekwestru saħansitra tibqa' fis-seħħ skont il-para. (b) tas-subartikolu 5(2) "*sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklussiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita*".

28. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw ukoll li peress li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jagħtix rimedju ordinarju quddiem qorti ta' setgħa ordinarja li għandha l-poter li tissindika jew tvarja ordni magħmula taħt dak l-artikolu, huma qegħdin isofru minn ksur tad-dritt tal-paċifika tgawdija tal-possedimenti tagħhom kif imħares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kif ukoll riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319. Il-Qorti tifhem li dan l-ilment huwa indirizzat lejn l-ordni ta' sekwestru u mhux lejn l-ordni ta' investigazzjoni.

---

[19] *Supra.*

29. L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

30. Il-Qorti ssib li r-riferiment li jagħmlu r-rikorrenti għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Filkin *v.* Portugal**[20] huwa rilevanti għall-proċeduri odjerni stante li tindirizza ċirkostanzi li jixbhu dawk li jirriżultaw hawnhekk, fejn ukoll il-qorti tal-pajjiż li kontrih mexa l-applikant, kienet ħarġet ordni ta' ffriżar temporanja kontra persuna li ma kinitx akkużata. Il-Qorti Ewropea hemmhekk stqarret li sabiex jingħad li huma mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-indħil fid-dritt tat-tgawdija tal-proprjetà kellu jkun fl-interess pubbliku u skont dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi u dawk il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Tenniet li l-indħil għandu jassigura bilanċ ġust bejn l-eżiġenzi tal-interess ġenerali u n-neċessità li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-individwu:

*"78. Pour être compatible avec l'article 1 du Protocole no 1, une ingérence dans le droit de propriété doit être opérée « pour cause d'utilité publique », et « dans les conditions prévues par la loi et les principes généraux de droit international ». L'ingérence doit ménager un « juste équilibre » entre les exigences de l'intérêt général de la communauté et les impératifs de la sauvegarde des droits fondamentaux de l'individu (Sporrong et Lönnroth c. Suède, 23 septembre 1982, § 69, série A no 52,*

[20] *Supra.*

*et Granitul S.A. c. Roumanie, no 22022/03, § 46, 22 mars 2011). Lorsqu'elle contrôle le respect de cette exigence, la Cour reconnaît à l'État une grande marge d'appréciation tant pour choisir les modalités de mise en œuvre que pour juger si leurs conséquences se trouvent légitimées, dans l'intérêt général, par le souci d'atteindre l'objectif de la loi en cause (AGOSI c. Royaume-Uni, 24 octobre 1986, § 52, série A no 108,).”*

31. Il-Qorti Ewropea tkompli tgħid li fattur importanti sabiex jingħad li qed jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għandu jkun l-opportunità li tingħata lill-persuna milquta mill-ordni sabiex tikkontesta l-miżuri ta' dik l-ordni. Qalet li din tal-aħħar tista' biss titqies leġittima fejn jitħalla dibattitu kuntrarju li jirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi:

*“79. Nonobstant le silence de l'article 1 du Protocole no 1 en matière d'exigences procédurales, une procédure judiciaire afférente au droit au respect des biens doit aussi offrir à la personne concernée une occasion adéquate d'exposer sa cause aux autorités compétentes afin de pouvoir contester effectivement les mesures portant atteinte aux droits garantis par cette disposition. Une ingérence dans les droits prévus par l'article 1 du Protocole no 1 ne peut ainsi avoir de légitimité en l'absence d'un débat contradictoire et respectueux du principe de l'égalité des armes, qui permette de discuter des aspects présentant de l'importance pour l'issue de la cause. Pour s'assurer du respect de cette condition, il y a lieu de considérer les procédures applicables d'un point de vue général (voir, mutatis mutandis, G.I.E.M. S.R.L. et autres c. Italie (fond) [GC], nos 1828/06 et 2 autres, § 302, 28 juin 2018).”*

32. Minn hemm il-Qorti Ewropea fittxet jekk l-ordni maħruġa fil-konfront tal-applikant kienet konformi mar-rekwiżiti enunċjati fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, u filwaqt li sabet li din kienet inħarġet taħt il-liġi viġenti u għal raġuni leġittima, l-istess ma setax jingħad fejn applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità għall-miżura meħuda. Dan huwa proprju rifless fis-silta tad-deċiżjoni li jiċċitaw ir-rikorrenti fir-rikors tagħhom, b'dana li huma jagħmlu enfażi biss fuq aspett wieħed li l-Qorti Ewropea qieset meta dan l-aspett kien ġie mistħarreġ f'aktar

profondità minnha u anki applikat fid-dawl tal-fatt li l-ordni kienet damet saħansitra aktar minn tliet snin u nofs *in vigore*. Din il-Qorti tagħraf li fil-każ miġjub quddiem il-Qorti Ewropea, instab li l-applikant ma kienx ġie notifikat bl-ordni u lanqas bit-tneħħija tagħha, u dan kellu l-effett li jċaħħdu mill-possibilità li jikkontestaha.

33. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ordni saret mill-Qorti Kriminali *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kap. 373, u m'hemmx dubju dwar il-leġittimità tagħha stante li l-għan ġenerali li jitrażżan il-ħasil ta' flus, ġie rifless fil-fatt li dawn l-ordnijiet kienu intiżi sabiex ir-rikorrenti bħala persuni suspettati jiġu investigati ulterjorment, filwaqt li tiġi miżmuma sħiħa kull informazzjoni li tista' sservi ta' siwi fl-investigazzjoni. Id-digriet tal-Qorti Kriminali fejn ingħatat l-ordni, jirrifletti dan kollu.

34. Jibqa' mbagħad li din il-Qorti tikkonsidra jekk l-ordni ta' sekwestru laħqitx ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Qabelxejn il-Qorti tosserva li din l-ordni nħarġet mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Settembru, 2020 u għalhekk ma jistax jingħad li meta r-rikorrenti ftit jiem wara intavolaw ir-rikors odjern fit-2 ta' Ottubru, 2020, huma kienu qegħdin isofru minn dewmien irraġonevoli, tenut kont ukoll tal-komplessità tal-investigazzjoni, kif in-numru tal-persuni u tal-kumpanniji milquta juri, aktar u aktar meta l-artikolu msemmi stess jagħti validità ta' sitt xhur. Iżda kif diġà l-Qorti kellha l-opportunità li tesprimi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' rimedju fil-liġi sabiex jitolbu lill-qorti sabiex tissindika jew saħansitra tbiddel l-ordni, huwa wieħed ġustifikat. Fil-qafas ta' dak li jipprovdi għalih l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li jirrikjedi bilanċ bejn l-interess ġenerali li l-Istat

għandu d-dover li jħares u d-drittijiet fundamentali tal-individwu, il-Qorti ssib li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jilħaqx dan il-bilanċ u bl-ebda mod ma jista' jingħad li hemm proprozjonalità bejn il-miżura li jipprovdi għaliha dan l-artikolu 4, u d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà. Fil-provvediment tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha fuq almenu rimedju wieħed, tal-ħatra ta' amministratur provviżorju li għandu jservi bħala kontrobilanċ sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jevitaw 'id-daqqa tal-mewt' tagħhom. Iżda ma kellhomx ikunu l-qrati kostituzzjonali li jagħtu rimedju u l-Qorti tissenjala li r-rikorrenti għandhom ikollhom id-dritt skont il-liġi li jirrikorru lejn il-Qorti Kriminali li ħarġet l-ordni, fejn filwaqt li jitolbu għat-tħassir tagħha jew sabiex jinbiddlu xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqhom permezz ta' dik l-ordni, huma jkollhom l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom ukoll. Ikun fid-diskrezzjoni mbagħad tal-Qorti Kriminali li tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħhom.

## Rimedju

35. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu sabiex din il-Qorti tannulla, tirrevoka jew tvarja l-ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru mertu tal-proċeduri odjerni. Imma l-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha tilqa' din it-talba. Tgħid li s-sejbien tal-ksur tad-dritt fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kif miġjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, konsegwenza tan-nuqqas ta' rimedju li joffri l-artikolu 4 tal-Kap. 373, mhux neċessarjament għandu jwassal għat-tħassir jew għat-tibdil tal-ordni maħruġa taħtu, u dan sakemm ir-rikorrent ma jressaqx il-provi opportuni in sostenn tat-talba tiegħu. Fil-każ odjern, uħud mir-rikorrenti xehdu dwar l-effett li kellha l-

ordni ta' sekwestru fuqhom, iżda dan dejjem b'mod ġenerali u mingħajr l-ebda prova oħra ulterjuri, u wħud oħra għażlu li ma jressqu l-ebda prova. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti akkordat miżura provviżorja, kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, permezz tal-ħatra ta' amministrattur provviżorju tas-soċjetajiet rikorrenti Navis Logistics Limited, Kasco Limited, Kasco Recycling Limited, Its Good Limited, FSV Limited, Kasco Engineering Company, Berner Malta Limited, 3City Designs Limited u Kasco Holdings Limited. Il-Qorti tgħid li din għandha tkun miżura suffiċjenti fir-rigward tagħhom sabiex jintlaħaq il-bilanċ rikjest mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Iżżid tgħid li ma kien hemm xejn x'iżżomm is-soċjetajiet rikorrenti l-oħra milli jagħmlu l-istess talba. Għal dak li jirrigwarda r-rikorrenti l-oħra, tagħraf li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 4(8) tal-Kap. 373 ukoll huma miżuri suffiċjenti sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru u d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu tal-Konvenzjoni. Madankollu l-Qorti tifhem li bla dubju ta' xejn bħal kull att kawtelatorju ieħor, l-ordni ta' sekwestru ġabet numru ta' konsegwenzi negattivi għar-rikorrenti u kienu x'kienu dawk il-konsegwenzi, huma ma kellhom l-ebda għodda sabiex jikkontestawha. Għal din ir-raġuni l-Qorti tqis li t-talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali magħmula mir-rikorrenti, hija ġustifikata u għalhekk qed tiffissa s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) pagabbli mill-intimati *in solidum* lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnhom.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni affettwati biex jitolbu lill-qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt dan l-artikolu;**

3. **Tiċħad it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti;**

4. **Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tiddikjara li huma sofrew leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;**

5. **Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrenti;**

6. **Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) għal kull wieħed jew waħda minnhom u tordna li dawn id-danni morali għandhom jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom lil kull wieħed jew waħda mir-rikorrenti.**

**L-ispejjeż għandhom jitħallsu inkwantu għal kwart (1/4) mir-rikorrenti u inkwantu għar-rimanenti tliet kwarti (3/4) mill-intimati.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**